# Vjaġġ Viżiv fil-Fantasija u r-Realtà ta' Joseph Casha

**Miktub minn John Sare**

Joseph Casha kien ilu fix-xena artistika għal dawn l-aħħar 50 sena. Jiddispjaċini ngħid li ħafna mill-artisti lokali u l-pubbliku li jħobb l-arti, ma tawhx dak il-ġieħ li kien jistħoqqlu.

Dr Paul Xuereb hekk jgħid fuqu: His work is the fruit of his endless quest for shapes and textures corresponding to that mixture of emotional, aesthetic and tecnical research that drives the artist forward as he creates.

Joseph jgħid hekk fuqu nnifsu: Apart from familiar images, I am also keen on creating forms that exist only in my imagination. To merge the two – forms and images – is my greatest ambition.

Joseph Casha twieled fl-1939, f'Bormla. Għex l-ewwel snin tiegħu fil-gwerra. Żminijiet iebsin ħafna. Bormla, minħabba t-Tarzna, kienet fil-mira tal-għadu. Il-missier ħaseb biex joħroġ lill-familja minn Bormla u telgħu bħala refuġjati fir-Rabat. Daħal it-Tarzna bħala apprendist fis-sengħa tal-elettriku. Hemmhekk iltaqa' maż-Żużu, l-ħaddiem li ta' kull sena kien jibni presepju tal-Milied.

Darba minnhom Joseph urieħ xi tpinġija minn tiegħu. Jidher li għoġbuh għax ħajjru biex jibda jistudja l-arti fl-Iskola tal-Arti tal-Belt Valletta. Dan kien fl-1959. Hemm beda jistudja l-mudel taħt il-magħruf George Borg, espert fit-teknika tan-nudo. Joseph kien jafda b'għajnejh magħluqa lil Borg, l-għalliem tiegħu tal-mudellar.

Studja ukoll it-tinqix fl-injam – wood carving – taħt Sanwel Bugeja, artist ieħor mit-tajbin nett li għamel ġieħ lil Malta bix-xogħlijiet tiegħu. Sentejn biss wara li daħal l-Iskola tal-Arti, ippreżenta l-ewwel xogħol tiegħu – Torso – il-medium li uża kien plaster of Paris, data 1961.

Joseph qatt ma kien kuntent fit-Tarzna, ma kienx maqtugħ għal dak it-tip ta' xogħol. Ftit ġranet wara li d-Direttur tal-Edukazzjoni s-Sur J. P. Vassallo, tah premju ta' żewġ liri Maltin (illum anqas minn €5) għax kien rebaħ l-ewwel premju għal disinn ta' qoxra ta' ktieb, jirċievi ittra mingħand l-istess Direttur fejn qallu li kien ġie l-ewwel fl-eżami annwali tal-Iskola. Avżah ukoll li kien ingħata Borża ta' Studju biex imur jistudja l-arti barra minn Malta.

Normalment studenti tal-Arti kienu jistennew sitt snin għall-Borża ta' Studju bħal din. Għażel li jmur fl-Accedemia di Belle Arti ta' Ruma. Joseph ħadha f'sentejn.

L-għalliem tiegħu kien il-Professur Guerrisi, li kien jitkellem tajjeb ħafna bl-Ingliż. Lil Joseph dan għenu ħafna għax b'hekk seta' jesprimi ħsibijietu b'żewġ lingwi. Wara ftit żmien jikkopja mudelli tal-ġebel u rħam, wasal iż-żmien li l-mudelli jkunu tad-demm u l-laħam. Fiż-żminijiet tiegħu f'Malta, mudelli nisa u rġiel ma kinux permessi f'istuzzjonijiet pubbliċi.

Kif qalli hu "mhux mill-ewwel ingranajt". Jidher però li ma damx għax l-Università ta' Ruma organizzat konkors waqt esebizzjoni ta' xogħlijiet tal-Arti. Joseph daħal għal dan il-konkors bil-Figura Nuda. Rebaħ wieħed mill-ewwel sitt premjijiet li offriet l-Università - Premio Presidenza del Consiglio dei Ministri. Kumment minn kritiku Taljan Franco Miele, kien jgħid hekk: Casha fra i pittori e scultori più impegnati.

Filgħaxijiet ma ħliehx fil-għażż. Kien jattendi klassijiet ta' billejl fl-Istituto Statale d'Arte. Attenda wkoll kors fiċ-ċeramika fl-iScuola di San Giacomo. Minn hemm ħa Diploma fl-1964. Joseph ma kellux kwiet. Meta ma kienx fil-klassi kont issibu fil-librerija jaqra; jew fil-British Council jifli kotba tal-Arti ta' artisti Ingliżi; iżur esebizzjonijiet u mużewijiet. Ma kellux kwiet.

Il-kors tiegħu f'Ruma kien riesaq lejn tmiemu. Fl-Agostiniana – Galleria d'Arte Sacra Contemporanea dei Padri Agostiniani twaqqfet wirja kollettiva taħt l-isem " Arte Sacra dei Giovani ". F'din il-wirja daħal b'xogħol tat-terracotta – Annunciation – terracotta with a bronze patina. Magazin tal-Arti Taljan kiteb hekk: La Madre di Dio – di un giovane Maltese, Giuseppe Casha, questa Annunciazione in scultura. Non diremo che questa e' arte da mettere sugli altari, ma e' comunque indice dell'interesse, che il tema sacro – anzi il tema mariano – suscita nei giovani leve dell'arte moderna.

Meta wasal Malta, beda jaħseb biex dak li tagħllem u dak li kien jaf jgħaddih liż-żgħażagħ. Applika biex jidħol għalliem tal-Arti fl-iskejjel tal-Gvern. Id-Direttur Ms Margaret Mortimer qaltlu li kellu bżonn Diploma. Hu diġà kellu imma ma kinetx minn Kulleġġ Ingliż.

Għażel li jmur jistudja għad-Diploma fil-Brighton

College of Arts and Crafts. Studja printmaking, woodcarving u pottery. L-għalliema tiegħu Ms Jenifer Dickson mill-ewwel indunajt bil-potenzjal tiegħu. Kemm-il darba offrietlu li ġġeddidlu l-kors għal tliet snin. Saħansitra l-Kap tal-Kulleġġ offrielu teaching post fil-Kulleġġ. Joseph ma aċċettax għax kif qal hu kellu commitment mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Malta.

L-istudenti li spiċċaw il-kors ġew mogħitja ċertifikat. Ta' Joseph Casha kien jgħid hekk: "His good sense of design, sensitive feeling for form and sculptor's skill were seen in his wood carvings which showed his carefully considered approach to theme and material. These were quite outstanding works showing great promise... Mr Casha's final exhibition of his course work was intelligently and tastefull displayed. It was seen by two of Her Majesty's Art Inspectors who were impressed by it. All that Mr Casha did here showed him to be a man of real ability with a lively mind and good potential as an artist".



Birds

Joseph beda l-karriera tiegħu ta' għalliem tal-Arti fl-Iskola Sta Teresa Grammar School fl-Imdina. Ma waqafx hemm għax kien Kap ta' Skola Primarja, lecturer fl-Università ta' Malta kif ukoll fl-Iskola tal-Arti. Fl-Imdina kien iqatta' ħafna ħin għand l-induratur Farrugia. Ma jilef xejn minn dak li jkun għaddej fil-ħanut tax-xogħol, beda juri interess fit-tinqix fl-injam indurat bid-deheb – gilded woodcarvings. Jidher li ħoloq ftit xogħol mhux ħażin għax dawn jinsabu għand il-privat fil-kollezzjoni tagħhom. Biċċa xogħol li tidher li kienet wiqs għal qalbu hi Black-Gold Integration. Din żamma għalih.

Hawn wieħed jara l-kuntrast qawwi tal-metal prezzjuż – deheb – maż-żebgħa sewda iżda matta. Imma Black Gold Integration tmur aktar 'il bogħod mill-għajn. Tifsira li jagħtiha Dr Xuereb hi li d-deheb huwa r-ruħ li mhix mittiefsa mid-dnub fil-waqt li l-iswed huwa l-parassita, il-ħażin li dejjem inaqqar it-tajjeb u ma jħallix l-ispirtu jitla' 'l fuq lejn il-Ħallieq. Dr Xuereb ma' qal xejn impossibbli għaliex l-Arti hi vjaġġ f'ħolma, kull individwu jesprimi ruħu fuq dak li jħoss.

Magazin ta' fama internazzjonali Sculpture International ippubblikat biċċtejn xogħol ta' Casha: Annunciation li diġà tkellimna fuqha u Birds. Fuq Joe u x-xogħol tiegħu, inkiteb hekk: Is-snin 1950 sal-1960 tawna artisti kbar fl-istatura artistika speċjalment fejn tidħol l-iskultura. L-Ingilterra u l-Italja huma minn ta' quddiem nett. F'każi individwali jitfaċċaw artisti li huma kapaċi joħolqu stil partikular li hu nisġa bejn l-arti Ingliża u dik Taljana. Malta f'din l-isfera tatna skultur żagħżugħ, Joseph Casha, li billi studja fl-Ingilterra u l-Italja, ġie influwenzat minn dawn iż-żewġ kulturi u tfaċċa fuq ix-xena artistika bi stil purament individwali.

Il-Papa Ġwann Pawl II, fl-1999, qal hekk fuq l-artisti: In producing a work of art, artists express themselves to the point where their work becomes a unique exposure of what they are... the artist not only summons his work into being, but also in some ways reveals his own personality by means of it... works of art speak of their authors. Din hi l-akbar verità fuq Joseph.

Fl-1970 ħabat il-25 sena mit-twaqqif tal-Ġnus Magħquda. Il-Posta ta' Malta ħarġet sett bolli. Id-disinn tas-sett kien ta' Joseph Casha. Is-sett intgħażel minn fost 55 li ssottomew disinji għall-għażla. Interessanti ħafna hu l-fatt li Casha kisser il-monopolju li kellu Emvin Cremona.

L-Epoca, ta' Settembru 1970 qalet hekk: Malta per il compleanno dell'ONU – alle numerose emissioni per il venticinquesimo anniversario della Fondazione delle Nazioni Uniti si aggiunge anche la serie di Malta. I nuovi francobolli non portano questa volta la prestigiosa firma di Cremona. Il bozzetto, d'altra parte ottimo, e' stato infatti realizzato da Joseph Casha, pittore Maltese, diplomato in Belle Arti a Roma.

Tliet snin wara daħal għall-konkors ta' sett bolli għall-European Conference of Postal and Telecommunications. L-Europa Postage Stamps infurmat lil Casha li wieħed miż-żewġ disinji li ntgħażlu kien tiegħu.

Ladarba qegħdin fuq tema tal-Ewropa, tajjeb li ngħidu xi ħaġa fuq pittura li tinsab fi Strasbourg. Fis-sena 2004, Joseph tella' wirja għalih waħdu bit-tema Cultural Diversity, tema li kienet magħżula mill-UNESCO għal dik is-sena. Naturalment, Unesco Club Malta, kellu sehem u rowl qawwi f'dik is-sena. Il-Wirja kienet ittellgħet fin-New Dolmen Complex ġewwa Buġibba.

Joseph esebixxa 20 collage u żewġ statwetti tat-terracotta. Wieħed mill-Collages kien jismu Malta. Dan il-Collage kien intgħażel mill-Unesco Club Malta biex jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew. Illum jinsab espost fil-bini tal-Parlament fi Strasbourg.

Kien nhar l-1 ta' Mejju tal-istess sena. Dakinhar stess, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004, Joseph ippreżenta lill-pubbliku Malti an art medal f'edizzjoni limitata. Ħareġ bi 40 midalja. Il-midalja jisimha Orbit. Kienet l-okkażjoni tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Il-ferħ u n-niket huma katina li xi darba kull wieħed u waħda minnha rridu nġarrbu. Fl-1979 Joseph flimkien mall-familja kienu għadhom jogħqodu r-Rabat. Taħt id-dar kellu l-garaxx li għal xi raġuni jew oħra ħa n-nar. Il-familja kollha ħarġet barra t-triq. Il-mara ta' Joe b'tarbija f'dirgħajja. Xi żmien wara Misraħ Kola ntlaqat minn maltempata l-aktar kerha. Qed nirreferi għal dik ta' Ottubru 1979 fejn Misraħ Kola mietu n-nies, oħrajn ġarrhom l-ilma u ma nstabux, djar u garaxxijiet mgħarrqa.

Fi ftit kliem ħerba kullimkien. F'nofs din il-ħerba kienet qed tinbena d-dar il-ġdida tal-familja Casha. Il-ħsarat ma kinux kbar u l-bini seta' jitkompla.

Xi snin wara din it-traġedja Joseph kellu jgħaddi minn esperjenza li ferrieħa. Ġie mqabbad jibni monument lill-Papa Ġwann Pawl II f'ġieħ iż-żjara tiegħu f'Malta. Kif jgħid Louis Saliba, il-kritiku ta' Casha, kien l-aktar jum feliċi għal Joseph. Hawn Joseph ra li issa għandu ċans li joħloq monument li jgħaqqad il-fantasija mar-realta. Bil-monument tal-Papa, Joseph irnexxielu jintegra żewġ monumenti f'wieħed. Il-bust tal-Papa u l-baklu huma tal-bronż u mingħajr tbatija kullħadd jista jidentifika l-persunaġġ. Poġġa l-bust fuq struttura astratta imma kumplimentuża.

Hekk kif bdejna l-millenju l-ġdid, il-Kappillan ta' Ħ'Attard talab lil Joseph biex jibni tabernaklu ġdid għall-kappella tal-Adorazzjoni Perpetwa. Din il-kappella tinsab fiċ-Ċentru Ġwann Pawl II. Il-kappillan ħalla f'idejn Joseph, kien jafdah. Ma riedx jibni tabernaklu kif aħna mdorrijin naraw fil-knejjes. Ried li l-fantasija ta' moħħu tieħu "over". Ħalliha tmexxieħ hi, u hekk ġara.

Joe stess qalli li dam ħafna jiġri fil-kampanja jfittex xi zokk ta' siġra. Qalli jien tronku ridt. Naturalment zkuk daqshekk kbar u goffi ssibhom biss l-Għemmieri. Kien jinżel spiss. Ġurnata fost l-oħrajn, telefonata qaltlu, " Sur Casha ejja arah. "

Malli raħ, kien ċert li dak li kien qed ifittex sabu. Kien tronku ta' ħarruba, xiħa akka, u ta' kobor mhux ħażin. Ġarrewhulu l-ħaddiema stess. B'martell ta' l-injam, furmatur u skarpellina beda jaħdem fuqu u ħalla l-fantasija tiġri bih. Joseph kien fl-ilma tiegħu.

It-Tabernaklu hu kaxxa tad-deheb, imdawra fi sfera tal-bronż mgħottija bi ħġieġa. L-inawgurazzjoni saret f'Diċembru 2003. Joseph stess jagħtina tifsira ta' dan it-Tabernaklu hekk maestuż.

Il-ħarruba hi simbolu ta' ħajja twila, hi kenn kemm għall-bniedem u kemm għat-tajr tal-ajru, tagħti frott bl-abbundanza. It-tabernaklu qiegħed bejn iż-żewġ ġogi tal-friegħi tas-siġra.

Tħares lejn din l-opra hekk sabiħa tħoss armonija sħiħa fl-integrazzjoni ta' forom, bronż, deheb u ħġieġ. Forom mgħawġa telgħin 'il fuq, lejn l-Ostja kkonsagrata tistħajjilhom ilsna tan-nar – nar ta' imħabba kbira li Alla għandu lejn il-bniedem.

Minn siġra raffa, kollha toqob, mgħobbija biż-żmien, reġgħet ħadet il-ħajja f'idejn Joseph u qeda tkenni ġewwa fiha lil dak li HU ħaj għal dejjem. Min studja Murder in the Cathedral jiftakar din is-sentenza – Secure is the rock on which the carob rests, I am the rock. T S Eliot.

Dominic Cutajar kiteb hekk fuq Joseph Casha: he belongs to a class of artists who shy away from publicity.

Is-sena 2005 kienet waħda importanti għal Joseph. Kien artist reservat, bogħod minn għajnejn in-nies. Hemm artisti li qatt ma' ġiehom ċans li jkunu magħrufa. Insiru nafu bihom biss wara mewthom u ħafna drabi b'kumbinazzjoni. Li kieku ma kienx għal Bank of Valletta li ħa ħsieb itella' "Retrospective Exhibition", wisq nibża' li Joseph ma' kien ikun jaf bih ħadd. Wirjiet bħal dawn jagħtu spinta lill-artist biex jibqa' għaddej 'l quddiem bix-xogħol tiegħu. Joseph kien l-aħħar wieħed li esebixxa fil-Head Office ta' High Street Sliema.


Chess trophy

F'din il-wirja tella' mal-55 biċċa tal-arti għall-wirja. Dawn kienu jkopru is-snin 1961 sal-2005. Fosthom kien hemm din li qed taraw fuq slide.

Joseph sejjħilha "Embrace". Hawn għaqqad forom differenti – it-tond; l-ovali; ċilindriku; dawn kollha għaqqadhom flimkien biex ħoloq immaġini ta' raġel u mara, li mingħajr dubju ta' xejn hemm laqtiet sesswali. Embrace jiġbor fih injam differenti, miżmumin f'morsa, murija fiż-żewġ biċċiet telgħin 'il fuq – f'dan il-kas hu z-zokk ta' siġra taċ-ċipress, maqsum minn nofs u ż-żewġt iġnub imħaffra bl-idejn. Hawn Joseph bl-akbar astuzja għaqqad il-mara – murija fil-boċċi lixxi – mar-raġel – muri fl-injam aħrax. Jurina wkoll ir-raġel aggressiv mal-mara timida, ħelwa u sottomessa.

Jidher li Joseph kellu seħer fejn dak li hu tond, isib postu meta mgħannaq ma' xi ħaġa oħra biex flimkien isiru ħaġa waħda. Fl-1990, ġie kkummissjonat miċ-Chess Federation ta' Malta biex joħloq trofew għall-kompetizzjoni ta' dik is-sena. Ħa ħsieb din il-kummissjoni s-Sur Alfred Grech.

Joseph għal darb'oħra uża injam differenti – fagu u kewba – li flimkien saru trofew eleganti, sempliċi u mimli interpretazzjonijiet.

Mad-daqqa t'għajn naraw Kastell jipproteġi lis-suldat – the rook and the pawn.

Hawn wieħed jistaqsi: Joseph x'ried jurina, sempliċiment trofew jew 1. Min hu b'saħħtu jieħu ħsieb id-dgħajjef ? jew 2. ir-raġel protettiv ikenni lil mara fraġli, vulnerabbli ?

Il-kritiku Paul Saliba jgħid: Joe kien jaf x'inhu joħloq. Dan it-trofew nibet mill-qiegħ ta' moħħu, fejn l-immaġinazzjoni, fil-ħolm tiegħu ta' artist li hu, jiġbor kollox flimkien biex iħalli lil min qed jara, jagħti hu l-interpretazzjoni persunali tiegħu.

Meta beda joqrob iż-żmien li l-Iskola tal-Arti titlaq mill-bini tal-Universita l-Qadima, beda xogħol ta' restawr fuq Casa Brunet, 106 Triq l-Ifran. Ir-restawr sar mill-istudenti tal-Iskola Ġlormu Cassar tal-Furjana.

Kien wasal iż-żmien ukoll li l-Kap tal-Iskola jirtira u fl-1995 daħal Joseph bħala l-Kap tagħha. L-Iskola kienet nieqsa minn ħafna affarijiet neċessarji. Lanqas uffiċċju tal-kap ma' kien hemm.

Joseph daħal b'ruħu u ġismu biex jirranġa dawn in-nuqqasijiet... Ħa ħsieb biex kmamar tal-iġjene persunali jiġu mibdula ma' oħrajn moderni. Biddel il-purtieri tal-kmamar; għaqqad żewġt ikmamar f'waħda u poġġa mwejjed u kompjuters b'siġġijiet komdi.

Mal-ħitan tal-kmamar waħħal xogħlijiet ta' studenti tal-passat u ta' dawk tal-mument. Waqqaf lecture room u kamra tal-imbarazz bidilha f'uffiċċju tassew attraenti. L-Iskola tal-Arti ħadet xejra ġdida u dan kollu sar fil-vaganzi tas-sajf.

Dan ma kienx biżżejjed. Beda l-extra curricular activities billi b'għotja ta' flus mid-Dipertiment ta' l-Edukazzjoni u sponsorship mill-Mid Med Bank beda jġib barranin jagħtu lectures, tella' wirjiet ta' xogħlijiet tal-istudenti tal-Iskola. Fi ftit kliem ħoloq ambjent fejn l-istudent ħassu li kien stmat.

F'waħda mill-esebizzjonijiet li tella', kien hemm il-Profs Denis de Lucca li kien mistieden jiftaħ il-Wirja. De Lucca qal hekk fuq Joseph: the enthusiasm of Mr Casha, himself an established artist in his own right, puts up in the organisation of extra-mural activities is well known to me. I am sure that it is to his credit and his hard-working staff that this exhibition is being put up for disdplay.

Fl-1997 ġie appuntat Kap tal-Iskola taż-Żejtun Primary School B. Żmien qasir ħafna għax wara ftit spiċċa bil-pensjoni. Imma fiż-żmien qasir tiegħu bena relazzjoni tajba mal-ġenituri u l-istudenti, bnielhom palk u daħħal fl-iskola d-drama, id-danza u l-mużika. Qabel telaq bena niċċa fejn it-tfal kull filgħodu jgħidu t-talba. L-istatwa hi Madonna and Child.


**Subacqua Supplies & Services Ltd**

***Guaranteed Servicing & Repairs By Our Certified Technicians***

**Importers & Wholesalers**

- Wet & Dry Suits & Neoprene Accessories
- Instruments & Computers
- Breathing Apparatus
- Cylinders
- B.C. Jackets
- Torches
- Bags
- Masks
- Snorkels & Fins
- H.P. Compressor Systems
- Underwater Scooters & Telecommunications Systems



mares

It's Steel, it must be Faber

BARE

SUUNTO REPLACING LUCK.

UNDERWATER KINETICS

L&W compressors

'Marine Buildings', Gerry Zammit Street, Msida MSD 02

Tel/Fax: 21 344 739 - Tel: 21 341 373 - Mob: 99 474 924, 99 467 168 - E-mail: alexvb@maltanet.net - Website: www.subaquasupplies.com